MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 111/2003

**Rita Cachia**

**vs**

**Emanuel Cachia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) f'Malta mill-liema zwieg kellhom tifla unika Yasmin Marie mwielda fil-25 t'Awissu tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (1993), kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f'Malta fl-1 ta' Gunju 1991 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2003 fejn il-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u

pprezenta nota t'ammissjoni.  Inghata digriet ta' l-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' hamsin (50) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-attrici datata 31 ta' Lulju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tad-9 t'Ottubru 2003 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici pprezentat affidavit tal-konvenut ghalkemm hu kontumaci, u fuq talba taghha l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta' Novembru 2003.

Rat li l-konvenut li gie notifikat bic-citazzjoni attrici, ammetta t-talbiet attrici.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fl-1 ta' Gunju 1991 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li huwa qed jallega li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva *da parte* tal-konvenut ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt tal-att konjugali, kif ukoll ghax il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b'anomalija psikologika serja li kienet tirrendiha mpossibbli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

### B. AMMISSJONI.

Illi l-konvenut fin-nota ta' ammissjoni tieghu ddikjara li jaqbel ma' dak li qed issostni l-attrici u li jaccetta li jbaghti l-ispejjez ta' din il-kawza.

**<u>C. L-EFFETT TA' AMMISSJONI F'KAWZA TA' NULLITA' TA' ZWIEG.</u>**

Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenut jidher li qed jammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Cit. Nru: 165/95/VDG"** anke fil-kaz ta' *"ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara* ***"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"****, (Prim' Awla, 4 ta' Novembru 1994);* ***"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",*** *(Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 1995);* ***"Evelyn Agius vs John Borg"****, (Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 1995);* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"****, (Prim' Awla, 10 ta' Novembru 1995*___); "Isabelle Zarb vs Stephen Attard"___*, (Prim' Awla, 21 ta' Novembru 1995);* ***"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"****, (Prim' Awla, 22 ta' Frar 1996);* ***"Alfred Tonna vs Maria Tonna"****, (Prim' Awla, 31 ta' Jannar 1996);* ***"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"****, (Prim' Awla, 16 ta' Settembru 1996)".*

Illi din il-Qorti taqbel ma' din il-pozizzjoni, kif anke gja' accennat f'diversi sentenzi konstanti taghha. Anzi huwa obbligu tal-istess Qorti li tara, bhal f'kull kawza, u forsi anke aktar importanti f'kawzi ta' annullament li r-ragunijiet vantati mill-attur ghandhom jigu ppruvati fil-grad ta' prova rikjesti mill-ligi. Dan anke ghaliex l-istitut taz-zwieg ghandu jigi prottett u rispettat, ghaliex huwa l-bazi tas-socjeta' nostrana, u allura din il-Qorti ghandha tara li verament jikkonkorru c-cirkostanzi li skond l-ligi jaghtu aditu ghal tali annullament allegat.

**<u>D. PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi l-attrici **Rita Cachia** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*“Meta jien iltqajt ma’ Emanuel Cachia kelli (19) dsatax-il sena. Kont ghadni kif hrigt minn relazzjoni ma’ guvni iehor li kont inhobb hafna, u nghid li kont hrigt ma’ Emanuel ghax kont ghaddejja minn zmien meta kont dghajfa hafna fir- rispett ta’ decizjonijiet. Kont hrigt mieghu aktar ghax kont qisni qed nibza’ nibqa’ wahdi milli ghax kont inhobbu. Fil-fatt, mill-bidu nett jien stajt ninduna li jien u Emanuel ma konniex kompatibbli ma’ xulxin. Dan setghu jarawh anke ommi u huti ghax setghu jaraw li jien u Emanuel konna differenti. Fil-fatt kienu jipprovaw ighiduli li jien u Emanuel konna differenti minn xulxin f’hafna affarijiet bhal fil-manjieri taghna, fit-trobbija taghna, fl-attitudni taghna man-nies, ecc.  Pero’, billi ma kellix kunfidenza fija nnifsi kont inhossni aktar komda li nkun qed nohrog ma’ guvni milli li nkun ‘single’ u ghalhekk bqajt mieghu.*

*Mill-banda l-ohra, Emanuel kien dominanti hafna u huwa kien gawda minn fuq il-karattru dghajjef tieghi. Fil-fatt, Emanuel kien anke refa’ jdejh fuqi meta konna ghadna gharajjes izda jien xorta wahda kont qghadt ghalih u ma kont ghidt lil hadd. Kont hadtha bi kbira hafna li Emanuel kien refa’ jdejh fuqi ghax lanqas il-ġenituri tieghi qatt ma kienu ghamlu hekk. Pero’, kont imwerwra wisq biex nitilqu u xorta wahda kont inhossni aktar, ‘secure’ mieghu milli wahdi. Emanuel kien baqa’ jsawwatni anke wara li zzewwigna.*

*Nghid li Emanuel kien anke jabbuza mid-djufija tieghi bi kliemu. Huwa mhux biss ma kienx itini ebda kumpliment izda kien ukoll dejjem lest li jsibli xi difett. Nghid li bi kliemu Emanuel kien dejjem jaghmilni aktar ‘insecure’ milli jien diga’ kont. Bhala konsegwenza ta’ dan, jien aktar u aktar kont nibza’ nitlaq lil Emanuel ghalkemm kont qed insir aktar u aktar imdejqa mieghu.*

*Nghid li wahda mid-differenzi kbar li hemm bejni u bejn Emanuel hija t-trobbija taghna. Jien trabbejt f’ambjent fejn kulhadd fil-familja jafda lil xulxin. Per ezempju, jekk hemm xi haga d-dar tal-genituri taghna, din kienet mhux ta’ wiehed jew ta’ l-iehor izda ta’ kulhadd. Mill-banda l-ohra, Emanuel trabba f’familja fejn hadd ma jafda lil hadd. Missieru sa kien jiffirma fuq kull haga li kienet tieghu biex*

*zgur hadd fil-familja ma jehodhielu. Din id-differenza kienet tikkawza 'strain' kbir fuq ir-relazzjani ta' bejni u bejn Emanuel. Jien kont wisq immatura biex nifhem ghaliex Emanuel qisu ma setax jafdani. Kieku kont aktar matura, zgur li kont ninduna li din id-differenza fit-trobbija taghna kienet ser taghmilna totalment inkapaci li nghixu flimkien bhala koppja mizzewga.*

*Anke fejn jidhlu l-flus, jien u Emanuel ahna differenti hafna u dana bhala konsegwenza tat-trobbija differenti li kellna. Jien imdorrija li flusi huma mhux ghalija biss izda ghall-familja tieghi kollha. Mill-banda l-ahra, Emanuel huwa mdorri li flusu ghalih biss. Jien stajt nara din id-differenza ta' bejnietna anke qabel ma zzewwigna u fil-fatt kont dejjem nibza' li Emanuel ma kienx ser imantnini wara li nizzewgu. Dana ghaliex ghalkemm konna ghadna gharajjes, jien kont nonfoq il-paga tieghi mhux fuqi biss izda wkoll fuq Emanuel. Sa kont nixtrilu x'jilbes, u billi kien gie joqghod mal-genituri tieghi kont anke nixtrilu l-ikel ta' kuljum. Min-naha tieghu, huwa ma kienx jikkontribwixxi xejn. Huwa jzomm kollox ghalih u jhoss li jaghmel hekk bhala dritt tieghu. Ghalkemm din l-attitudini ta' Emanuel kienet tinkwetani, jien kont nibza' niddiskuti din il-problema mieghu ghax kont nibza' li jqum xi argument. Allura, ghalaqt ghajnejja bhalma ghamilt ghal hafna affarijiet ohra.*

*Punt krucjali iehor huwa li kien hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni bejni u bejn Emanuel. Qatt ma ddiskutejna l-affarijiet importanti li wiehed ghandu jiddiskuti qabel ma jizzewweg. Nahseb li t-tnejn li ahna konna nevitaw li niddiskutu l-problemi ta' bejnietna ghax konna nibzghu niffaccjaw il-verita' li l-konsegwenza taghha kienet tkun li ahna kellna naqtghu minn ma' xulxin. Ghalkemm din kienet tkun il-haga sensibbli li kellna naghmlu, it-tnejn li ahna bzajna naghmluha.*

*Qabel ma zzewwigna, jien kont spiss nixtieq li naqta' minn ma' Emanuel. Pero', dejjem kont nibza' minn dak li kien ser jigri minni jekk nitlaq lil Emanuel. Billi ma kellix kunfidenza xejn kont nibza' mis-sitwazzjoni u kont nippreferi nhalli l-affarijiet kif kienu. Kont imdejqa u kont*

*inhoss li ma kienx hemm relazzjoni tajba bejni u bejn Emanuel izda kont inhossni qisni maqbuda fija u ma stajtx nitilqu.*

*Tant li l-familja tieghi kienu jaraw li r-relazzjoni ta' bejni u bejn Emanuel kienet wahda fragili u mhux wahda li tibqa', li huma ma kienux tawni r-rigal tat-tieg qabel il-gurnata tat-tieg stess. Dan ghaliex huma kienu certi li ahna ma konniex ser naslu li nizzewgu! Ghall-familja tieghi, kienet cara daqs il-kristall li ma kienx hemm relazzjoni perpetwa bejnietna. Huma setghu jaraw li jien u Emanuel ma konniex tajbin ghal ma' xulxin u li eventwalment ma konniex ser nibqghu flimkien. Da parti tieghi u ta' Emanuel, nghid li ahna konna qisna aljenati bil-preparazzjonijiet tat-tieg u b'affarijiet materjali. Mhux biss konna okkupati hafna bilpreparazzjonijiet tat-tieg izda konna wkoll qed nibnu 'business' flimkien dak iz-zmien. Ghalhekk kien ikollna hafna x'naghmlu u lanqas kellna zmien ghar-relazzjoni ta' bejnietna. Konna aktar qisna 'business partners' milli zewg gharajjes. Il-konsegwenza ta' dan kien li ma stajniex naraw dak li l-familja tieghi setghu jaraw tant car.*

*Nghid ukoll li tant ma kellniex zmien ghar-relazzjoni ta' bejnietna, li lanqas biss konna ghamilna l-kors ta' Kana. Jien u Emanuel konna hassejna li ma kellniex bzonn li noqoghdu nisimghu xi 'lectures' dwar kif ghandna nghixu l-hajja taghna. Issa nista' nara li din l-attitudini taghna kienet tirrifletti l-immaturita' taghna. Niftakar li meta konna morna napplikaw ghaz-zwieg tal-Knisja, il-patri kien irrabja hafna li ma konniex ghamilna dan il-kors, u kien qalilna li kulhadd ghandu bzonn li jisma' xi parir. Ghalkemm dak iz-zmien ma konniex qbilna mal-patri, nghid li issa nista' nara kemm kellu ragun dan il-patri. Jien u Emanuel qatt ma konna niltaqghu ma' koppji gharajjes ohra ghax konna dejjem nohorgu wahedna. Barra minn hekk qatt ma thallatna ma' nies ahna ghax konna anke nahdmu flimkien. Forsi, kieku konna ghamilna l-kors ta' Kana u konna rajna kif igibu ruhhom il-koppji gharajjes ma' xulxin, ahna konna nindunaw li ma konniex bhalhom. Jien u Emanuel ma konniex bhal gharajjes, izda konna biss*

*qisna zewg persuni li ghandhom 'business relationship' bejniethom.*

*Issa sirt naf li Emanuel ma kienx fidil lejja qabel ma zzewwigna. Sentejn ilu, jien mort l-Amerika biex niltaqa' ma' wahda habiba tieghi li kienet giet izzurni Malta xi ftit xhur qabel ma jien izzewwigt lil Emanuel. Hija kienet giet toqghod maghna fid-dar tal-genituri tieghi, u dak iz-zmien anke Emanuel kien qed ighix hemmhekk. Din il-habiba tieghi qaltli li meta kienet Malta, hija kienet qed ikollha relazzjoni sesswali ma' Emanuel. Qaltli li wara li jien kont immur norqod, hi u Emanuel kienu jidhlu fil-kamra ta' xulxin. Meta jien gejt lura Malta, jien ikkonfrontajt lil Emanuel b'din l-istorja. Huwa ma nnegax u qalli biss li dak iz-zmien ahna konna ghadna mhux mizzewgin! Dan juri kemm Emanuel diga' ma kienx ihobbni ghalkemm dan kien ftit xhur biss qabel ma zzewwigna".*

Illi min-naha tieghu l-**konvenut** fl-affidavit tieghu xehed illi:-

*"Jiena kont ili naf lil Rita Cachia xi tliet snin (jew ftit aktar) qabel ma zzewwigtha. Nghid li t-tnejn li ahna konna okkupati hafna bil-hajja personali ta' xulxin, u qisna ma kellniex zmien x'nahlu fuq ir-relazzjoni taghna. Jiena kont akkanit hafna bil-'body building' u sports iehor, u mbaghad aktar tard kont waqqaft 'business' tieghi u ghalhekk kont dejjem okkupat hafna, waqt li Rita wkoll kellha l-'business' taghha u dejjem kellha hafna x'taghmel. Ma kellniex zmien ghal xulxin.*

*Jien u Rita ma kellniex komunikazzjoni bejnietna. Ghalkemm dak iz-zmien qatt ma waqaft biex nahseb dwar kif kont inhossni lejn Rita, issa meta nhares lura nista' nara li t-tnejn li ahna ma konniex inhobbu 'l xulxin bhala gharajjes. Kieku konna nhobbu 'l xulxin zgur li konna nikkomunikaw aktar u konna nkunu kapaci niddiskutu l-problemi taghna ma' xulxin. Minflok li ghamilna hekk, jien u Rita qatt ma ftahna qalbna ma' xulxin, u dejjem evitajna li niddiskutu l-problemi taghna. Fil-fatt, din il-problema ta' nuqqas ta' komunikazzjoni bejnietna baqghet anke wara z- zwieg. Kienet impossibbli li jkun hemm relazzjoni ta'*

*mhabba bejn tnejn min-nies li ma jifthux qalbhom ma' xulxin, u li ma jkunux intimi ma' xulxin.*

*Nghid li jien u Rita konna t-tnejn li ahna mmaturi wisq biex nikkontemplaw x'kien ifisser iz-zwieg. Lanqas biss konna hsibna fir-responsabbilta' li jgib mieghu z-zwieg. Per ezempju, lanqas qatt ma ddiskutejna jekk ridniex ikollna tfal wara li nizzewgu, jew jekk Rita kenitx ser tibqa' tahdem, jew min minna kien ser imantni lil min. Jien u Rita lanqas biss konna ndenjajna ruhna li nixtru post fejn immorru noqoghdu wara li nizzewgu. Fil-fatt xi xahar biss qabel ma zzewwigna, ahna konna krejna appartament 'furnished' minghand habib tieghi biex almenu jkollna fejn immorru noqoghdu wara t-tieg. Dan ma kienx ghax kellna xi problemi finanzjarji imma biss nuqqas ta' nteress ghax fil-fatt xahar wara li zzewwigna ahna konna xtrajna 'boat'. Mhux biss, imma lanqas biss naf li jien qatt staqsejt lil Rita biex tizzewwigni jew vice versa. Qisu z-zwieg taghna sar ghax konna hadniha 'for granted' li la konna ilna flimkien, allura suppost li kellna nizzewgu. Pero', nghid li jien lanqas qatt ma hsibt dwar x'kienet tinvolvi l-hajja mizzewga ghax kieku ghamilt hekk zgur li kont ninduna li Rita ma kenitx il-mara li jiena stajt nghix maghha bhala marti.*

*Jien u Rita lanqas biss konna ghamilna l-kors ta' Kana. Konna wisq okkupati bil-hajja taghna ta' kuljum, u konna nahsbu li l-kors kien telf ta' hin. Issa, meta nhares lura, ninduna li anke din l-attitudini taghna turi kemm konna mmaturi, ghax konna nahsbu li konna bravi bizzejjed u li ma kellniex bzonn ta' min itina parir, meta fil-fatt nahseb li kellna bzonn hafna ta' dan. Niftakar li meta konna morna l-Kurja biex napplikaw ghaz-zwieg, dawn ghall-bidu ma ridux izewguna ghax qalu li ahna ma konniex ippreparati ghaz-zwieg. Pero', peress li d-data tat-tieg taghna kienet fil-qrib hafna u peress li l-pjanijiet tat-tieg kienu kollha lesti, ahna minn hawn u minn hemm konna rnexxielna nikkonvincuhom biex ihalluna nizzewgu.*

*Jien lanqas biss hadt parti fil-preparazzjonijiet taz-zwieg tieghi stess. Fil-fatt, jien bqajt nahdem bl-istess ritmu sa dik il-gurnata stess tat-tieg ghax ahna konna zzewwigna*

*s-Sibt fil-ghaxija, u niftakar li fil-ghodu kelli x'naghmel fuq xoghol. Imbaghad, it-Tnejn fil-ghodu, ergajt mort lura lejn ix-xoghol. Qisni kemm mort naghmel 'present' ghat-tieg tieghi imma apparti minn hekk hajti baqghet ghaddejja bir-ritmu u bir-rutina tas-soltu.*

*Wara c-cerimonja tat-tieg, jien u Rita morna nqattghu l-lejl go 'hotel'. Ghalkemm dan kien l-ewwel lejl li qattajna flimkien bhala koppja mizzewga, ahna lanqas biss konna ntimi ma' xulxin dak il-lejl. Jien nahseb li t-tnejn li ahna ma kellniex aptit ta' dan ghax konna ghajjenin hafna. L-ghada fil-ghodu lanqas biss konna ndenjajna ruhna li ngawdu l-kumpanija ta' xulxin bhala koppja mizzewga u ghalkemm kellna l-'breakfast' imhallas, lanqas biss konna qghadna ghall-'breakfast'. Ma kellniex sabar biex nibqghu hemm. Qisna jien u Rita qatt ma kellna sabar li noqoghdu wahedna fil-kumpanija ta' xulxin. Niftakar li wara li tlaqna mill-'hotel', Rita marret ghand il-genituri taghha u jien mort x'imkien iehor. Lanqas biss konna qattajna l-gurnata flimkien ghalkemm kienet l-ewwel gurnata tal-hajja mizzewga taghna. Ahna dejjem konna b'din l-attitudini ma' xulxin, u fil-fatt bqajna hekk anke wara li zzewwigna. Per ezempju, niftakar li darba minnhom konna morna 'weekend' Ghawdex flimkien. Pero', jien kont iddejjaqt u kont gejt lura lejn Malta u hallejt lil Rita hemmhekk wahedha ma' xi hbieb.*

*Jien u Rita ghamilna xi tliet snin jew aktar lanqas biss konna nkunu ntimi ma' xulxin, u dana ghalkemm konna ghadna mizzewgin u nghixu taht saqaf wiehed. Konna norqdu go kmamar differenti. Niftakar li darba minnhom konna anke pprovajna morna nqattghu 'weekend' go 'hotel' biex forsi jirnexxielna ninsew il-hajja ta' kuljum u nkunu xi ftit romantici ma' xulxin. Pero', anke hemmhekk ma kienx irnexxielna li nkunu ntimi ma' xulxin. Ma kenna ebda relazzjoni ta' mhabba bejnietna, la qabel u lanqas wara z-zwieg.*

*Mhux biss li ma konniex intimi ma' xulxin izda anke wara li zzewwigna, ghalkemm konna nghixu taht saqaf wiehed, jien u Rita konna nghixu hajja separata. Niftakar li jien kont nohrog hafna mal-hbieb tieghi u kont anke ndum bil-*

*lejl. Kien hemm xi okkazjonijiet, bhal per ezempju New Year's Eve, meta jiena kont nistaqsi lil Rita jekk tridx tigi mieghi, pero' hi qatt ma wriet ebda xewqa li tohrog mieghi. Mhux biss imma hija lanqas biss kienet tgorrli jew tidher li tiddejjaq ghax jien kont nohrog wahdi. Barra minn hekk, meta Rita kienet tarani bqajt id-dar gieli hi stess qaltli biex nohrog. Rita kienet anke taf li jien kont inkunu fil-kumpanija mhux biss ta' rgiel izda wkoll ta' nisa. Pero', Rita qatt ma wriet li kienet qed tghir ghalija - qisha ma kienx jimpurtaha jekk jien kontx qed ikolli relazzjoni ma' mara ohra jew le. Tant li Rita qatt ma wriet ghira, li jien kont anke nitkellem dwar xi habiba li kont inqatta' hafna zmien maghha, u Rita qatt ma ddejqet dwar dan. Kien car li ma kien hemm ebda sentimenti bejni u bejn Rita!*

*Nghid li r-relazzjoni ta' bejni u bejn Rita kienet dejjem wahda bierda, anke minn qabel ma zzewwigna. Jiena persuna 'open' hafna u meta nhoss xi haga dejjem nghidha. Pero', naf li lil Rita lanqas qatt, kemm qabel u anke wara z-zwieg, ma ghidtilha li nhobbha jew tajtha xi kumpliment. Dan ifisser li jien ma kontx inhobbha ghax kieku kont inhobbha jiena zgur li kont nghidilha. Anke da parti taghha, Rita ma kenitx tghidli kliem ta' mhabba. Jidher car li ghalkemm forsi jien u Rita nistghu nkunu hbieb ma' xulxin, pero' zgur li bejnietna qatt ma kien hemm relazzjoni ta' mhabba ta' bejn ragel u mara".*

## <u>E. LIGI APPLIKABBLI GHALL-KAZ *DE QUO.*</u>

Illi l-attrici fil-premessi taghha tghid illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu; kif ukoll, minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi dawn iz-zewg premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta’ l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

***(d)*** *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”*.

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ ***Viladrich***:

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* (***Viladrich, P.J.***, **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew

ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J***., op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad ukoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"* (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar *"anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".* Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".

Illi fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

***19 (1) (f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi*

*wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens"*.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); u **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000).

Illi huwa rilevanti wkoll dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (NA) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe' :

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin.*

*Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk*

*il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga ……………. jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga…..".*

## F. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-partijiet izzewgu biss ghaliex kienu johorgu flimkien u l-pass naturali ghalihom it-tnejn kien li jizzewgu, izda bla ma l-istess partijiet ma kellhom ebda gibda partikolari lejn xulxin, u wisq anqas sentimenti ta' mhabba lejn xulxin, tant li meta wiehed jara x-xhieda rispettiva tal-partijiet f'din il-kawza jirrizulta adirittura li huma verament inkompattibbli ghal xulxin. Fil-fatt l-impressjoni li hadet din il-Qorti meta qrat l-istess xhieda li giet hawn riprodotta bhala prova tal-animu tal-partijiet ta' kif dahlu fl-istess zwieg, hija li l-istess partijiet kienu rispettivament jiddejqu fil-prezenza ta' xulxin, u kienu jfittxu sabiex jevitaw lil xulxin.

Illi in effetti jirrizulta li l-istess ko-abitazzjoni taghhom kienet biss wahda platonika *stante* li kienu jkollhom l-anqas kuntatt possibbli bejn xulxin, tant li l-maggor parti tal-hajja taghhom flimkien huma ghamluha jorqdu anke separatament minn xulxin. Kienu fil-fatt jaraw x'jaghmlu, kemm konxjentozament u kemm inkonxjentozament, sabiex jevitaw il-prezenza taghhom flimkien, u dan anke meta ppruvaw jmorru f'postijiet ohra sabiex jersqu lejn xulxin.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan kollu huwa naxxenti mill-fatt li l-partijiet qabel ma zzewgu ma ghamlu l-ebda preparazzjoni kwalunkwe ghall-istess rabta taz-zwieg. Anzi jidher li l-attrici ghazlet li tizzewweg biss, ghaliex wara li harget minn relazzjoni li hija kellha ma' persuna ohra, ma kellhiex il-kuragg li tghid lill-konvenut li ma kellha l-ebda gibda lejh bhala r-ragel futur taghha. Min-naha l-ohra l-konvenut jidher li ha lill-attrici *for granted* bla ma

qatt hass l-ebda emozzjoni lejha, u fil-fatt baqa’ wara z-zwieg jghix ghal rasu, kif ukoll jidher li ghamlet l-attrici.

Illi min dan kollu jidher li l-partijiet kienu stranjieri ghal xulxin meta ltaqghu, hekk baqghu meta zzewgu, u hekk baqghet is-sitwazzjoni sakemm huma stess ma felhuhiex izjed. Dan huwa kollu dovut peress li la l-attrici ma kienet lesta u kompetenti sabiex tizzewweg lill-konvenut, u lanqas il-konvenut ma kien lest u ppreparat li jghix ta’ ragel tal-attrici. Fil-fatt il-partijiet mhux biss qatt ma ppreparaw ruhhom ghal dan iz-zwieg, kemm mill-att emottiv, morali u fiziku, izda jidher car li lanqas riedu li xi darba jippreparaw ruhhom ghall-istess, anke ghaliex kull element ta’ mhabba u hajja konjugali kienu avversa ghar-relazzjoni ta’ bejniethom, waqt il-konvivenza taghhom, huma fil-fatt komplew jinjoraw lil xulxin u damu flimkien daqshekk ghaliex komplew jinjoraw il-verita’ li huma qatt ma kellhom id-diskrezzjoni necessarja sabiex fir-rigward ta’ xulxin, jifhmu u jaccettaw l-kuncett ta’ hajja mizzewga u l-elementi essenzjali tal-istess.

Illi ghalhekk l-unika konkluzjoni li din il-Qorti tista’ tasal ghaliha abbazi tal-provi prodotti hija li l-kunsens tal-partijiet rispettivament kien ivvizzjat minhabba difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-istess, u ghalhekk l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f’Malta fl-1 ta’ Gunju 1991 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b’mod partikolari a tenur tas-**sub-inciz (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** u

ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------